

## **Anness III**

### **Sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott, tikketta u fuljetti ta' tagħrif**

Nota:

Dawn l- SmPCs, tikketta u fuljetti ta' tagħrif huma l-verżjoni valida meta ttieħdet id-deċiżjoni tal-Kummissjoni.

Wara d-deċiżjoni tal-Kummissjoni, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru, flimkien mal-Istat Membru ta' referenza, jaġġornaw l-informazzjoni dwar il-prodott skont il-ħtieġa. Għalhekk, dawn l-SmPCs, tikketta u fuljetti ta' tagħrif jistgħu ma jirrappreżentawx it-test kurrenti.

## **SOMMARJU TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT**

*Dik il-parti li qiegħda bil-ġriż: Tapplika biss għall-pillola tal-qawwa ta' 250 mg*

## **1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI**

Tavanic 250 mg pilloli mkisijin b'rita

Tavanic 500 mg pilloli mkisijin b'rita

## **2. GĦAMLA KWALITATTIVA U KWANTITATTIVA**

Kull pillola miksija b'rita ta' Tavanic 250 mg fiha 250 mg ta' levofloxacin bħala levofloxacin hemihydrate

Kull pillola miksija b'rita ta' Tavanic 500 mg fiha 500 mg ta' levofloxacin bħala levofloxacin hemihydrate

Għal-lista kompluta ta' eċċipjenti, ara sezzjoni 6.1.

## **3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA**

Pillola miksija b'rita.

Pilloli mkisijin b'rita, bojod-sofor ċari għal bojod jagħtu fl-aħmar u b'qasma fin-nofs. Il-pilloli jistgħu jinqasmu f'żewġ partijiet ugwali.

## **4. TAGĦRIF KLINIKU**

### **4.1 Indikazzjonijiet terapewtiċi**

Tavanic huwa indikat għall-kura fl-adulti tal-infezzjonijiet elenkati hawn taħt (ara s-sezzjonijiet 4.4 u 5.1):

- Sinusite akuta kkawżata mill-batterji
- Tahrixiet akuti ta' bronkite kronika
- Pnewmonja li tittieħed fil-komunità
- Infezzjonijiet ikkumplikati tal-ġilda u tat-tessut artab

Għall-infezzjonijiet imsemmijin hawn fuq, Tavanic għandu jintuża biss jekk jiġi kkunsidrat li l-użu tas-sustanzi antibatterji li s-soltu huma rrakkomandati fil-kura inizjali ta' dawn l-infezzjonijiet ma jkunx f'loku.

- Pajelonefrite u infezzjonijiet ikkumplikati tas-sistema urinarja (ara sezzjoni 4.4)
- Prostatite kronika kkaġunata minn batterji
- Ċistite mingħajr kumplikazzjonijiet (ara sezzjoni 4.4)
- Anthrax li tittieħed bin-nifs: profilassi wara espożizzjoni u kura għall-fejqan (ara sezzjoni 4.4)

Tavanic jista' jintuża wkoll biex jiġi komplut kors ta' terapija f'pazjenti li wrew titjib waqt kura inizjali b'levofloxacin mogħti minn ġol-vini.

Għandha tiġi kkunsidrata l-gwida uffieċjali dwar l-użu xieraq tal-aġenti antibatterji.

### **4.2 Pożoloġija u metodu ta' kif għandu jingħata**

Il-pilloli Tavanic jiġu mogħtija darba jew darbtejn kuljum. Id-dożaġġ jiddependi fuq it-tip u s-severità tal-infezzjoni u s-suxxettibilità tal-mikrobu preżunt li jkun qed jikkaġuna l-infezzjoni.

Il-pilloli Tavanic jistgħu jintużaw ukoll biex jiġi komplut kors ta' terapija f'pazjenti li wrew titjib waqt kura inizjali b'levofloxacin mogħti minn ġol-vini; peress li hemm bijoekwivalenza bejn il-preparazzjonijiet parenterali u orali, jista' jiġi użat l-istess dożaġġ.

### Pożoloġija

Għal Tavanic, jistgħu jingħataw id-dożi rakkomandati li ġejjin:

*Dożaġġ f'pazjenti b'funzjoni renali normali (tneħħija tal-kreatinina > 50ml/min)*

<b>Indikazzjoni</b>	<b>Dożaġġ ta' kuljum (skont is-severità)</b>	<b>Żmien totali tal-kura (skont is-severità)</b>
Sinusite akuta kkawżata mill-batterji	500 mg darba kuljum	10 – 14-il-ġurnata
Taħrixiet akuti ta' bronkite kronika	500 mg darba kuljum	7 -10 ġranet
Pnewmonja li tittieħed fil-kumunità	500 mg darba jew darbtejn kuljum	7 - 14-il ġurnata
Pajelonefrite	500 mg darba kuljum	7 - 10 ġranet
Infezzjonijiet ikkumplikati tas-sistema urinarja	500 mg darba kuljum	7 - 14-il ġurnata
Ċistite mingħajr kumplikazzjonijiet	250 mg darba kuljum	3 ijiem
Prostatite kronika batterjali	500 mg darba kuljum	28 ġurnata
Infezzjonijiet ikkumplikati tal-ġilda u tat-tessut artab	500 mg darba jew darbtejn kuljum	7 - 14-il ġurnata
Anthrax li tittieħed bin-nifs	500 mg darba kuljum	8 ġimgħat

### Popolazzjonijiet Speċjali

*Indeboliment fil-funzjoni renali (tneħħija tal-kreatinina ≤50 ml/min)*

	<b>Dożaġġ</b>		
	<b>250 mg/24h</b>	<b>500 mg/24h</b>	<b>500 mg/12 h</b>
<b>Tneħħija tal-kreatinina</b>	<i>l-ewwel doża: 250 mg</i>	<i>l-ewwel doża: 500 mg</i>	<i>l-ewwel doża: 500 mg</i>
50 - 20 ml/min	<i>imbagħad: 125 mg/24 h</i>	<i>imbagħad: 250 mg/24 h</i>	<i>imbagħad: 250 mg/12 h</i>
19-10 ml/min	<i>imbagħad: 125 mg/48 h</i>	<i>imbagħad: 125 mg/24 h</i>	<i>imbagħad: 125 mg/12 h</i>
<10 ml/min (jinkludi emodijalisi u CAPD) <sup>1</sup>	<i>imbagħad: 125 mg/48 h</i>	<i>imbagħad: 125 mg/24 h</i>	<i>imbagħad: 125 mg/24 h</i>

<sup>1</sup>M'hemmx bżonn ta' dożi oħra wara emodijalisi jew dijalisi peritoneali kontinwa ambulatorja (CAPD).

*Indeboliment fil-funzjoni tal-fwied*

M'hemmx bżonn ta' aġġustament fid-doża għax levofloxacin mhux metabolizzat fil-fwied bl-ebda mod sinifikanti u jitneħħa prinċipalment mill-kliwi.

*Popolazzjoni anzjana*

M'hemmx bżonn ta' aġġustament fid-doża fl-anzjani, ħliet aġġustament li jrid isir minħabba l-funzjoni renali (ara sezzjoni 4.4 "Tendinite u tiċrit tat-tendini" u "l-intervall QT imtawwal").

#### *Popolazzjoni pedjatrika*

Tavanic huwa kontra-indikat fit-tfal u fl-adolexxenti (ara sezzjoni 4.3).

#### Metodu ta' kif għandu jingħata

Il-pilloli Tavanic għandhom jittieħdu mill-ħalq mingħajr ma jitfarrku u b'ammont suffiċjenti ta' likwidu. Jistgħu jinqasmu permezz tal-qasma f'nofs il-pillola sabiex tadatta skont id-dożaġġ. Il-pilloli jistgħu jittieħdu waqt l-ikel jew bejn ikla u oħra. Il-pilloli Tavanic għandhom jittieħdu mill-anqas sagħtejn qabel jew wara l-imluħa tal-ħadid, l-imluħa taż-żingu, sustanzi kontra l-aċtu li fihom il-manjesju jew l-aluminju jew didanosine (dawk il-preparazzjonijiet biss ta' didanosine b'sustanzi newtralizzanti (*buffering agents*) li fihom l-aluminju jew l-manjesju) u l-għoti ta' sucralfate peress li jista' jkun hemm tnaqqis fl-assorbiment (ara sezzjoni 4.5).

### **4.3 Kontra-indikazzjonijiet**

Il-pilloli levofloxacin m'għandhomx jintużaw:

- f'pazjenti b'sensittività eċċessiva għal levofloxacin jew għal kwalunkwe wieħed mill-eċċipjenti elenkati fis-sezzjoni 6.1,
- f'pazjenti epilettiċi,
- f'pazjenti li għandhom storja ta' disturbi tat-tendini li huma relatati mal-użu ta' flouroquinolone,
- fit-tfal u fl-adolexxenti,
- fit-tqala,
- f'nisa li qed ireddgħu.

### **4.4 Twissijiet speċjali u prekawzjonijiet għall-użu**

*S. aureus* li hu reżistenti għal methicillin x'aktarx li jkollu wkoll reżistenza għal fluoroquinolones, inkluż levofloxacin. Għalhekk levofloxacin mhux rakkomandat għal kura ta' infezzjonijiet bl-MRSA magħrufa jew suspettati sakemm ir-riżultati tal-laboratorju jikkonfermaw li l-mikrobu huwa sensittiv għal levofloxacin (u antibijotiċi li huma normalment rakkomandati għal kura tal-infezzjonijiet bl-MRSA mhumiex ikkunsidrati xierqa).

Levofloxacin jista' jintuża fil-kura ta' Sinusite Akuta kkawżata mill-Batterji u għal Tahrixiet Akuti ta' Bronkite Kronika meta dawn l-infezzjonijiet ikunu ddiġanjostikati b'mod adegwat.

Ir-reżistenza ta' *E. coli* għal fluoroquinolones - il-mikrobu l-aktar komuni li jikkawżaw infezzjonijiet fis-sistema urinarja - tvarja madwar l-Unjoni Ewropea. It-tobba huma avżati biex jikkunsidraw il-prevalenza tar-reżistenza lokali tal-*E. coli* għal fluoroquinolones.

Anthrax li tittieħed bin-nifs: L-użu fil-bnedmin huwa bbażat fuq is-suxxettibilità *in vitro* ta' *Bacillus anthracis* u fuq dejta miġbura minn esperimenti fuq annimali flimkien ma' dejta limitata tal-bniedem. It-tobba għandhom jirrikorru għal dokumenti nazzjonali u/jew internazzjonali dwar it-trattament ta' anthrax.

#### *Tendinite u tiċrit tat-tendini*

B'mod rari tista' sseħħ xi tendinite. Din taffettwa l-aktar it-tendin ta' Akille u tista' tikkawżaw tiċrit tat-tendini. Tendinite u tiċrit tat-tendini, kultant bilaterali, jistgħu jseħħu fi żmien 48 siegħa minn meta tinbeda l-kura b'levofloxacin u ġew irrapurtati sa xi xhur wara li l-kura tkun twaqqfet. Ir-riskju ta' tendinite u ta' tiċrit tat-tendini jogħla f'pazjenti ta' akter minn 60 sena, f'pazjenti li qed jirċievu dożi ta'

kuljum ta' 1000 mg u f'pazjenti li jużaw il-kortikosteroidi. F'pazjenti anzjani, id-doża ta' kuljum għandha tiġi aġġustata skont it-tneħħija tal-kreatinina (ara sezzjoni 4.2). Għalhekk, dawn il-pazjenti għandhom ikollhom monitoraġġ mill-qrib jekk jingħataw levofloxacin. Il-pazjenti kollha għandhom jikkonsultaw lit-tabib tagħhom jekk jesperjenzaw sintomi ta' tendinite. Jekk tendinite tiġi ssuspettata, il-kura b'levofloxacin trid titwaqqaf immedjatament, u kura xierqa (e.g immobilizzazzjoni) għandha tingħata lit-tendin affettwat (ara sezzjonijiet 4.3 u 4.8).

#### *Mard assoċjat ma' Clostridium difficile*

Dijarea, speċjalment jekk tkun severa, persistenti u/jew bid-demm, waqt jew wara trattament b'levofloxacin (inkluż diversi ġingħat wara l-kura), tista' tindika mard assoċjat ma' *Clostridium difficile* (CDAD). CDAD tista' tvarja fis-severità minn kundizzjoni ħafifa għal kundizzjoni ta' periklu għal ħajja, u l-aktar forma severa hija pseudomembranous colitis (ara sezzjoni 4.8). Huwa għalhekk importanti li wieħed jikkunsidra din id-dijanjożi f'pazjenti li jiżviluppaw dijarea serja waqt jew wara kura b'levofloxacin. Jekk CDAD hija ssuspettata jew ikkonfermata, levofloxacin għandu jiġi mwaqqaf immedjatament u għandha tinbeda kura xierqa mingħajr dewmien. Prodotti mediċinali anti-peristaltici huma kontra-indikati għal din is-sitwazzjoni klinika.

#### *Pazjenti bi predispożizzjoni għal aċċessjonijiet*

Il-quinolones jistgħu jibaxxu l-limitu li jkun hemm xi aċċessjoni u jistgħu jikkawżaw l-aċċessjonijiet. Levofloxacin huwa kontra-indikat f'pazjenti li għandhom storja ta' epilessija (ara sezzjoni 4.3) u, bħal fil-każ ta' quinolones oħra, għandu jintuża b'kawtela kbira f'pazjenti li huma predisposti għall-aċċessjonijiet jew jekk ikun hemm kura eżistenti b'mediċini oħra li jibaxxu l-limitu ċerebrali li jkun hemm xi aċċessjoni, bħal per eżempju theophylline (ara sezzjoni 4.5). Fil-każ ta' aċċessjonijiet konvulsivi (ara sezzjoni 4.8), il-kura b'levofloxacin għandha tiġi mwaqqfa.

#### *Pazjenti li għandhom defiċjenza ta' G-6-phosphate dehydrogenase*

Pazjenti li għandhom xi difetti moħbija jew attwali fl-attività ta' glucose-6-phosphate dehydrogenase jistgħu jkunu suxxettibli għal reazzjonijiet emolitiċi meta kkurati b'aġenti antibatteriċi tal-klassi quinolone. Għalhekk jekk levofloxacin jintuża f'dawn il-pazjenti, għandu jkun hemm monitoraġġ tal-pazjent għal emolisi li tista' potenzjalment isseħħ.

#### *Pazjenti b'indeboliment renali*

Peress li levofloxacin huma eliminat prinċipalment mill-kliewi, id-doża ta' Tavanic għandha tiġi aġġustata f'pazjenti b'indeboliment renali (ara sezzjoni 4.2).

#### *Reazzjonijiet ta' sensitività eċċessiva*

Levofloxacin jista' jikkawża reazzjonijiet ta' sensitività eċċessiva li jistgħu jkunu serji u potenzjalment ta' periklu għal ħajja (eż. Minn anġjoedima sa xokk anafilattiku), kultant wara l-ewwel doża (ara sezzjoni 4.8). Il-pazjenti għandhom iwaqqfu l-kura immedjatament u jikkuntattjaw lit-tabib tagħhom jew lil tabib tal-emerġenza, li jkun jista' jibda miżuri adattati ta' emerġenza.

#### *Reazzjonijiet bullużi severi*

Każijiet ta' reazzjonijiet bullużi tal-ġilda severi bħal sindromu ta' Stevens Johnson jew nekroliżi epidermali tossika ġew irrapportati ma' levofloxacin (ara sezzjoni 4.8). Il-pazjenti għandhom jingħataw parir biex jikkuntattjaw lit-tabib tagħhom immedjatament qabel ikompli l-kura jekk ikun hemm reazzjonijiet tal-ġilda u/jew reazzjonijiet mukużi.

#### *Disġlicemija*

Bħal quinolones oħra, ġew irrapportati disturbi fiz-zokkor fid-demm, u dan jinkludi kemm l-ipogliċemija u anke ipergliċemija, normalment f'pazjenti diabetiċi li jirċievu kura konkomettanti ma' xi mediċina ipogliċemika orali (eż. glibenclamide) jew mal-insulina. Ġew irrapportati każijiet ta' koma

ipogliċemika. F'pazjenti dijabetiċi, hu rakkomandat li jkun hemm monitoraġġ b'attenzjoni taz-zokkor fid-demm (ara sezzjoni 4.8).

#### *Prevenzjoni ta' fotosensitizzazzjoni*

Ġiet irrapportata fotosensitizzazzjoni ma' levofloxacin (ara sezzjoni 4.8). Sabiex tiġi evitata l-fotosensitizzazzjoni, huwa rakkomandat li l-pazjenti ma jesponux ruħhom bla bżonn għal xemx qawwija jew għal raġġi UV artifiċjali (eż. lampa tat-tip sunray, solarium), waqt il-kura u għal 48 siegħa wara li l-kura titwaqqaf.

#### *Pazjenti kkurati b'antagonisti tal-Vitamina K*

Minħabba żieda possibbli fit-testijiet tal-koagulazzjoni (PT / INR) u /jew tnixxija tad-demm f'pazjenti b'kura ta' levofloxacin flimkien ma' antagonist tal-vitamina K (eż. warfarin), għandu jkun hemm monitoraġġ tat-testijiet tal-koagulazzjoni meta dawn il-mediċini jingħataw flimkien (ara sezzjoni 4.5).

#### *Reazzjonijiet psikotiċi*

Reazzjonijiet psikotiċi kienu rrapportati f'pazjenti li kienu qed jirċievu quinolones, inkluż levofloxacin. F'każijiet rari ħafna dawn kellhom hsbijiet suwiċidali u tendenza li jagħmlu ħsara lilhom infushom, xi kultant wara doża waħda biss ta' levofloxacin (ara sezzjoni 4.8). Fil-każ li l-pazjent jiżviluppa dawn ir-reazzjonijiet, levofloxacin għandu jitwaqqaf u jinbdew il-miżuri neċessarji. Wieħed għandu joqgħod attent jekk levofloxacin ikun se jintuża f'pazjenti psikotiċi jew f'pazjenti bi storja ta' mard psikjatriku.

#### *Intervall QT imtawwal*

Wieħed għandu joqgħod attent meta jintużaw fluoroquinolones, inkluż levofloxacin, f'pazjenti li għandhom riskju magħruf li jitwal l-intervall QT bħal, per eżempju:

- sindromu ta' QT twil koġenitali
- l-użu konkomitanti ta' mediċini li huma magħrufa li jtawlu l-intervall QT (eż. antiarritmiċi Klassi IA u III, antidepressanti triċikliċi, macrolides, antipsikotiċi).
- żbilanċ fl-elettroliti li għadu mhux irranġat (eż. ipokalimja, ipomagneżimja)
- anzjani
- mard tal-qalb (eż. insuffiċjenza tal-qalb, infart mijokardijaku, bradikardja)

Nisa u pazjenti anzjani jistgħu jkunu iżjed sensitivi għall-medikazzjonijiet li jtawlu l-QTc. Għalhekk, wieħed għandu joqgħod attent meta jintużaw il-fluoroquinolone, inkluż levofloxacin, f'dawn il-popolazzjonijiet.

(Ara sezzjonijiet 4.2 *Anzjani*, 4.5, 4.8 u 4.9).

#### *Newropatija periferali*

Ġew irrapportati newropatija sensorjali periferali u newropatija sensorjali periferali tas-sistema lokomottiva f'pazjenti li qed jieħdu fluoroquinolones, inkluż levofloxacin, li jistgħu jseħħu malajr ħafna meta jibdeu (ara sezzjoni 4.8). Levofloxacin għandu jitwaqqaf jekk il-pazjent jesperjenza sintomi ta' newropatija sabiex jiġi evitat l-iżvilupp ta' kundizzjoni irriversibbli.

#### *Disturbi fil-fwied u fil-marrara*

Ġew irrapportati każijiet ta' nekrożi fil-fwied sa insuffiċjenza tal-fwied li tista' tkun fatali ma' levofloxacin, primarjament f'pazjenti morda b'mard serju, eż. sepsis (ara sezzjoni 4.8). Il-pazjenti għandhom jingħataw parir biex iwaqqfu l-kura u jikkuntattjaw lit-tabib tagħhom jekk jiżviluppaw xi sinjali u sintomi ta' mard epatiku bħall-anoreksja, suffeġra, urina skura, ħakk jew tenerezza fl-addome.

#### *Aggravament ta' myasthenia gravis*

Fluoroquinolones, inkluż levofloxacin, jistgħu jikkaġunaw imblukkar newromuskolari u jistgħu

jaggravaw dgħufija fil-muskoli f'pazjenti b'myasthenia gravis. Reazzjonijiet avversi serji wara t-tqegħid tal-prodott fis-suq, inkluż imwiet u l-ħtieġa għall-ghajjnuna respiratorja, ġew assoċjati mal-użu ta' fluoroquinolone f'pazjenti b'myasthenia gravis. Levofloxacin mhux rakkomandat f'pazjenti bi storja magħrufa ta' myasthenia gravis.

#### *Disturbi fil-vista*

Jekk il-vista ma tibqax tajba jew ikollok xi effetti fuq l-għajnejn, għandek minnufih tikkonsulta speċjalista tal-għajnejn. (ara sezzjonijiet 4.7 u 4.8)

#### *Superinfezzjoni*

L-użu ta' levofloxacin, speċjalment fit-tul, jista' jirriżulta f'numru akbar ta' mikrobi li mhumiex suxxettibbli. Għandhom jittieħdu miżuri xierqa jekk isseħħ superinfezzjoni matul it-terapija.

#### *Interferenza ma' testijiet tal-laboratorju*

F'pazjenti kkurati b'levofloxacin, id-determinazzjoni ta' opiates fl-urina tista' tagħti riżultati pożittivi foloz. Jista' jkun hemm bżonn li jiġu kkonfermati t-testijiet pożittivi tal-opiates b'metodi aktar speċifiċi.

Levofloxacin jista' jinibixxi t-tkabbir ta' *Mycobacterium tuberculosis* u, għalhekk, jista' jagħti riżultati negattivi foloz fid-dijanjożi batterjoloġiku tat-tuberkulożi.

### **4.6 Interazzjoni ma' prodotti mediċinali oħra u forom oħra ta' interazzjoni**

#### Effett tal-mediċini oħra fuq Tavanic

*Imluħa tal-ħadid, imluħa taż-żingu sustanzi kontra l-aċtu li fihom il-manjesju jew l-aluminju, didanosine*

L-assorbiment ta' levofloxacin jiġi mnaqqas b'mod sinifikanti meta l-pilloli Tavanic jittieħdu flimkien mal-imluħa tal-ħadid, jew sustanzi kontra l-aċtu li fihom il-manjesju jew l-aluminju jew didanosine (dawk il-preparazzjonijiet biss ta' didanosine b'sustanzi newtralizzanti (*buffering agents*) li fihom l-aluminju jew l-manjesju).

Jidher li t-teħid flimkien tal-fluoroquinolones u sustanzi multivitaminiċi li fihom iż-żingu jnaqqas l-assorbiment orali tagħhom. Huwa rakkomandat li preparazzjonijiet li fihom il-katijoni divalent jew trivalenti bħall-imluħa tal-ħadid, l-imluħa taż-żingu, jew sustanzi kontra l-aċtu li fihom il-manjesju jew l-aluminju jew didanosine (dawk il-preparazzjonijiet biss ta' didanosine b'sustanzi newtralizzanti (*buffering agents*) li fihom l-aluminju jew l-manjesju) m'għandhomx jittieħdu saġhtejn qabel jew wara t-teħid tal-pilloli Tavanic (ara sezzjoni 4.2). L-imluħa tal-kalċju għandhom effett minimu fuq l-assorbiment orali ta' levofloxacin.

#### *Sucralfate*

Il-bijodisponibbiltà tal-pilloli Tavanic hija mnaqqsa b'mod sinifikanti meta jittieħdu flimkien masucralfate. Jekk il-pazjent ikollu bżonn jirċievi kemm sucralfate u kemm Tavanic, l-aħjar ikun li sucralfate jingħata saġhtejn wara t-teħid tal-pillola Tavanic (ara sezzjoni 4.2)

*Theophylline, fenbufen jew mediċini simili kontra l-inflammazzjoni li mhumiex sterojdi (NSAIDs)*

Studju kliniku wera li ma kienx hemm interazzjonijiet farmakokinetiċi bejn levofloxacin u theophylline. Mandankollu l-livell ċerebrali li jista' jkun hemm aċċessjoni jista' jitbaxxa b'mod notevoli meta quinolones jingħataw flimkien ma' theophylline, NSAIDs, jew mediċini oħra li jressqu lejn il-livell minimu ta' riskju li jkun hemm aċċessjoni.



Il-konċentrazzjonijiet ta' levofloxacin kienu xi 13% ogħla fil-preżenza ta' fenbufen milli meta kien mogħti waħdu.

#### *Probenecid u cimetidine*

L-effett ta' probenecid u cimetidine fuq l-eliminazzjoni ta' levofloxacin kien statistikament sinifikanti. L-eliminazzjoni renali ta' levofloxacin kien imnaqqas minn cimetidine (24%) u probenecid (34%). Dan għaliex iż-żewġ mediċini jistgħu jwaqqfu s-sekrezzjoni tubulari ta' levofloxacin fil-kliwi. Però, skont id-dożi li ġew użati fl-istudju, id-differenzi kinetiċi li kienu statistikament sinifikanti probabli m'għandhomx relevanza klinika.

Wieħed għandu joqgħod attent meta levofloxacin jingħata flimkien ma' mediċini li jaffettwaw is-sekrezzjoni tubulari tal-kliwi bħal probenecid u cimetidine, speċjalment f'pazjenti b'indeboliment renali.

#### *Informazzjoni oħra rilevanti*

Studji kliniċi farmakoloġiċi wrew li l-farmakokinetika ta' levofloxacin ma kinitx affettwata b'mod klinikament rilevanti meta levofloxacin ingħata flimkien mal-mediċini li ġejjin: calcium carbonate, digoxin, glibenclamide, ranitidine.

#### Effett ta' Tavanic fuq prodotti mediċinali oħra

##### *Ciclosporin*

Il-half life ta' ciclosporin żdiedet bi 33% meta ngħata flimkien ma' levofloxacin.

##### *Antagonisti tal-vitamina K*

Żieda fit-testijiet tal-koagulazzjoni (PT/INR) u /jew tnixxija tad-demem, li jistgħu jkunu severi, kienu rrapportati f'pazjenti kkurati b'levofloxacin flimkien ma' antagonista tal-vitamina K (eż. warfarin). Għalhekk, testijiet tal-koagulazzjoni għandhom jiġu mmonitorjati f'pazjenti li qed jieħdu kura b'antagonisti tal-vitamina K (ara sezzjoni 4.4)

##### *Mediċini magħrufa li jtawlu l-intervall QT*

Levofloxacin, bħal fluoroquinolones oħra, għandhom jintużaw b'kawtela f'pazjenti li qed jirċievu mediċini li huma magħrufa li jtawlu l-intervall QT (eż. antiarritmiċi Klassi IA u III, antidepressanti triċikliċi, makrolidi, antipsikotiċi) (ara sezzjoni 4.4 Intervall QT mtawwal).

##### *Informazzjoni oħra rilevanti*

Fi studju ta' interazzjoni farmakokinetika, levofloxacin ma affettwax il-farmakokinetika ta' theophylline (li huwa *probe substrate* għal CYP1A2), li jindika li levofloxacin mhuwiex inibitur ta' CYP1A2.

## **4.6 Fertilità, tqala u treddigħ**

### *Tqala*

Hemm dejta limitata dwar l-użu ta' levofloxacin f'nisa tqal. Studji li saru fuq l-annimali ma jurux effetti ta' ħsara, diretti jew indiretti, rigward it-tossiċità fuq is-sistema riproduttiva (ara sezzjoni 5.3). Fin-nuqqas ta' informazzjoni dwar l-effett fuq il-bniedem u minħabba l-fatt li dejta sperimentali turi li hemm riskju ta' ħsara mill-fluoroquinolones għall-kartilagini li fuqu qed jintrefa' l-piż tal-organiżmu li qed jikber, levofloxacin m'għandux jintuża' fin-nisa tqal (ara sezzjonijiet 4.3 u 5.3).

### *Treddigħ*

Tavanic huwa kontra-indikat f'nis li qed iredgħu. Hemm dejta insuffiċjenti dwar l-eliminazzjoni ta' levofloxacin fil-ħalib tal-omm; però fluoroquinolones oħra huma eliminati fil-ħalib tal-omm. Peress li hemm nuqqas ta' informazzjoni fuq il-bniedem u minħabba l-fatt li dejta esperimentali turi li hemm riskju ta' ħsara mill-fluoroquinolones għall-kartilagini li fuqu qed jintrefa' l-piż tal-organiżmu li qed jikber, levofloxacin m'għandux jintuża' fin-nisa li qed iredgħu (ara sezzjonijiet 4.3 u 5.3).

#### Fertilità

Levofloxacin ma kkaġuna ebda indeboliment fil-fertilità jew l-abilità riproduttiva fil-firien.

#### 4.7 Effetti fuq il-ħila biex issuq u tħaddem magni

Xi effetti mhux mixtieqa (eż. sturdament/vertigo, disturbi fil-vista) jistgħu jfixklu l-abilità tal-pazjent biex jikkonċentra u jirreaġixxi, u għalhekk dawn jistgħu jikkostitwixxu riskju f'sitwazzjonijiet fejn dawn l-abbiltajiet huma partikolarment importanti (eż. sewqan ta' karozza jew tħaddem magni).

#### 4.8 Effetti mhux mixtieqa

L-informazzjoni mogħtija hawn taħt hija msejsa fuq dejta minn studji kliniċi magħmula fuq aktar minn 8300 pazjent u minn esperjenza estensiva wara t-tqegħid tal-prodott fis-suq.

Il-frekwenzi f'din it-tabella huma mfiisra hekk: komuni ħafna ( $\geq 1/10$ ), komuni ( $\geq 1/100$ ,  $< 1/10$ ), mhux komuni ( $\geq 1/1000$ ,  $< 1/100$ ), rari ( $\geq 1/10000$ ,  $< 1/1000$ ), rari ħafna ( $< 1/10000$ ), mhux magħrufa (ma tistax tittieħed stima mid-dejta disponibbli).

F'kull sezzjoni ta' frekwenza, l-effetti mhux mixtieqa huma mniżżla skond is-serjetà tagħhom, bl-aktar serji jitniżżlu l-ewwel.

Sistema tal-klassifika tal-organi	Komuni ( $\geq 1/100$ sa $< 1/10$ )	Mhux komuni ( $\geq 1/1,000$ sa $< 1/100$ )	Rari ( $\geq 1/10,000$ sa $< 1/1,000$ )	Mhux magħrufa (ma tistax tittieħed stima mid-dejta disponibbli)
Infezzjonijiet u infestazzjonijiet		Infezzjonijiet tal-moffa inkluż infezzjoni bil- <i>Candida</i> Reżistenza tal-mikrobu		
Disturbi fid-demem u fis-sistema limfatika		Lewkopenija Eosinofilja	Tromboċitopenija Newtrogenija	Panċitopenija Agranuloċitożi Anemija emolitika
Disturbi fis-sistema immunitarja			Anġjoedima Sensitività eċċessiva (ara sezzjoni 4.4)	Xokk anafilattiku <sup>a</sup> Xokk anafilattojdi <sup>a</sup> (ara sezzjoni 4.4)
Disturbi fil-metaboliżmu u n-nutrizzjoni		Anoreksja	Ipogliċemija speċjalment f'pazjenti dijabetiċi (ara sezzjoni 4.4)	Iperglucemija Koma ipogliċemika (ara sezzjoni 4.4)

<b>Sistema tal-klassifika tal-organi</b>	<b>Komuni (≥1/100 sa &lt;1/10 )</b>	<b>Mhux komuni (≥1/1,000 sa &lt;1/100)</b>	<b>Rari (≥1/10,000 sa &lt;1/1,000)</b>	<b>Mhux magħrufa (ma tistax tittieħed stima mid-dejta disponibbli)</b>
Disturbi psikjatriċi	Insomnja	Ansjetà Stat ta' konfużjoni, Nervożità	Reazzjonijiet psikotiċi (eż. ma' alluċinazzjoni, paranoja) Depressjoni Aġitazzjoni Holm mhux tas-soltu Inkubi	Disturbi psikotiċi bil-pazjent ikollu tendenzi li jagħmel ħsara lilu nnifsu, inkluż ħsibijiet ta' suwiċidju jew attentati ta' suwiċidju (ara sezzjoni 4.4)
Disturbi fis-sistema nervuża	Uġiġħ ta' ras Sturdament	Ngħas Rogħda Dysgeusia	Aċċessjoni (ara sezzjonijiet 4.3 u 4.4) Parasteżija	Newropatija sensorjali periferali (ara sezzjoni 4.4) Newropatija sensorjali periferali tas-sistema lokomottiva (ara sezzjoni 4.4) Parożmija inkluż anożmija Diskineżija Disturbi ekstrapiramidali, Ageusia Sinkope Ipertensjoni intrakranjali beninn
Disturbi fl-ġhajnejn			Disturbi tal-vista bħal per eżempju vista mċajpra (ara sezzjoni 4.4)	Telf temporanju tal-vista (ara sezzjoni 4.4)
Disturbi fis-sistema labirintika tal-widnejn		Vertigo	Tinnitus	Telf tas-smiġh Impediment fis-smiġh
Disturbi kardijaċi			Takikardja Palpitazzjoni	Takikardija ventrikulari li tista' tirriżulta f'arrest kardjaku Arritmija ventrikulari u torsade de pointes (irrapportati prinċipalment f'pazjenti b'riskju ta' titwil tal-QT), QT imtawwal fl-elektrokardjogram (ara sezzjonijiet 4.4 u 4.9)
Disturbi vaskulari	<i>Tapplika biss għall-forma iv:</i> Flebite		Pressjoni baxxa	

<b>Sistema tal-klassifika tal-organi</b>	<b>Komuni (≥1/100 sa &lt;1/10 )</b>	<b>Mhux komuni (≥1/1,000 sa &lt;1/100)</b>	<b>Rari (≥1/10,000 sa &lt;1/1,000)</b>	<b>Mhux magħrufa (ma tistax tittieħed stima mid-dejta disponibbli)</b>
Disturbi respiratorji, toraċiċi u medjastinali		Qtugħ ta' nifs		Bronkospażmu Pulmonite allerġika
Disturbi gastro-intestinali	Dijarea Rimettar Dardir	Ugħigh addominali Dispepsja Gass fl-istonku Stitikezza		Dijarea – emorraġika li f'każijiet rari ħafna tista' tindika enterokolite, inkluż kolite psewdomembranuża (ara sezzjoni 4.4) Pankreatite
Disturbi fil-fwied u fil-marrara	Jogħla l-livell tal-enzimi tal-fwied (ALT/AST, alkaline phosphatase, GGT)	Jiżdied il-bilirubin fid-demm		Suffeġra u ħsara severa fil-fwied inkluż każijiet b'insuffiċjenza akuta fatali tal-fwied, primarjament f'pazjenti morda b'mard ieħor serju (ara sezzjoni 4.4) Epatite
Disturbi fil-ġilda u fit-tessuti ta' taħt il-ġilda <sup>b</sup>		Raxx Ħakk Urtikarja Iperidrożi		Nekroliżi epidermali tossika Stevens-Johnson syndrome Eritema multiforme Reazzjonijiet ta' fotosensitivita' (ara sezzjoni 4.4) Vaskulite lewkoċitoklastika Stomatite
Disturbi muskoskeletalni u disturbi tat-tessut konnettiv		Artralġja Mijalġja	Disturbi fit-tendini (ara sezzjonijiet 4.3 u 4.4) inkluż tendinite (eż. tendin ta' Akille) Dgħufija fil-muskoli li jistgħu jkunu ta' importanza partikolari f'pazjenti b'myasthenia gravis (ara sezzjoni 4.4)	Rabdomijoliżi Tiċrit tat-tendini (eż. tendin ta' Akille) (ara sezzjonijiet 4.3 u 4.4) Tiċrit tal-ligament Tiċrit tal-muskolu Artrite
Disturbi fil-kliewi u fis-sistema urinarja		Tiżdied il-krejinina fid-demm	Insuffiċjenza akuta renali (eż. minħabba nefrite interstizjali)	
Disturbi ġenerali u kundizzjonijiet relatati mas-sit minn fejn jingħata	<i>Tapplika biss għall-forma iv:</i> Reazzjoni fis-sit tal-infużjoni (ugħigh, ħmura)	Astenja	Deni	Ugħigh (inkluż ugħigh fid-dar, fis-sider u fl-estrematajiet tal-ġisem)

<sup>a</sup> Xi kultant, reazzjonijiet anafilattiċi u anafilattojdi jistgħu jiġru anke wara l-ewwel doża.

<sup>b</sup> Xi kultant, reazzjonijiet mukokutaniċi jistgħu jiġru anke wara l-ewwel doża.

Xi effetti oħra mhux mixtieqa li ġew assoċjati mal-użu tal-fluoroquinolones jinkludu:

- attakki ta' porfirija f'pazjenti bil-porfirija

#### **4.9 Doża eċċessiva**

Skont studji ta' tossiċità fl-annimali jew studji kliniċi farmakoloġiċi li saru b'dożi supra-terapewtiċi, is-sinjali l-aktar importanti li huma mistennija li jiġru wara dożaġġ eċċessiv bil-pilloli Tavanic huma sintomi tas-sistema nervuża ċentrali bħal konfużjoni, sturdament, indeboliment tas-sensi, u aċċessjonijiet konvulsivi, żidiet fl-intervall QT kif ukoll reazzjonijiet gastro-intestinali bħad-dardir u ulċeri superfiċjali fil-mukoża.

Effetti tas-CNS inkluż stat ta' konfużjoni, aċċessjoni, alluċinazzjoni, u rogħda ġew osservati wara t-tqegħid tal-prodott fis-suq.

Fil-każ ta' doża eċċessiva, għandha tinbeda kura sintomatika. L-ECG għandu jsir, minħabba l-possibbiltà li l-intervall QT jitwal. Jistgħu jintużaw sustanzi kontra l-aċtu sabiex jiproteġu il-mukoża gastrika. Emodijalisi, inkluż dijaliżi peritoneali u CAPD, mhumiex effettivi fit-tneħħija tal-levofloxacin mill-ġisem. Ebda antidotu speċifiku ma jeżisti.

## **5. PROPRJETAJIET FARMAKOLOĠIĊI**

### **5.1 Proprjetajiet farmakodinamiċi**

Kategorija farmakoterapewtika: quinolone antibatterjali, fluoroquinolones, kodiċi ATC: J01MA12

Levofloxacin huwa aġent antibatterjali sintetiku tal-klassi fluoroquinolone u hu S (-) enantiomer tas-sustanza attiva raċemika ofloxacin.

#### *Mekkaniżmu ta' azzjoni*

Bħala fluoroquinolone b'azzjoni antibatterjali, levofloxacin jaħdem fuq il-kumpless DNA-DNA-gyrase u topoisomerase IV.

#### *Ir-relazzjoni PK/PD*

Il-livell tal-attività batteriċidjali ta' levofloxacin jiddependi fuq il-proporzjon tal-konċentrazzjoni massima fis-serum (C<sub>max</sub>) jew l-erja taħt il-kurva (AUC) u l-konċentrazzjoni minima inibitorja (MIC).

#### *Mekkaniżmu ta' reżistenza*

Ir-reżistenza għal levofloxacin tinkiseb b'mod gradwali permezz ta' mutazzjonijiet immirati fiż-żewġ topoisomerases tat-tip II, DNA gyrase u topoisomerase IV. Mekkaniżmi oħra ta' reżistenza bħal barrieri għall-permeabilità (komuni fi *Pseudomonas aeruginosa*) u mekkaniżmi ta' effluss jistgħu wkoll jaffettwaw is-suxxettibilità għal levofloxacin.

Ġiet osservata reżistenza għall-antibijotiċi komuni bejn levofloxacin u fluoroquinolones oħra. Minħabba l-mekkaniżmu ta' azzjoni, ġeneralment m'hemm l-ebda reżistenza komuni bejn levofloxacin u klassijiet oħra ta' aġenti antibatterjali.

#### *Breakpoints*

Il-breakpoints tal-MIC għal levofloxacin rakkomandati mill-EUCAST, li jisseparaw il-mikrobi

suxxettibbli minn dawk li għandhom suxxettibilità intermedja u l-mikrobi li għandhom suxxettibilità intermedja minn dawk reżistenti, huma ppreżentati fit-tabella hawn taħt għall-ittestjar ta' MIC (mg/l).

Breakpoints kliniċi ta' MIC tal- EUCAST għall-levofloxacin (verżjoni 2.0, 2012-01-01):

Mikrobu	Suxxettibli	Reżistenti
Enterobacteriaceae	≤1 mg/l	>2 mg/l
<i>Pseudomonas spp.</i>	≤1 mg/l	>2 mg/l
<i>Acinetobacter spp.</i>	≤1 mg/l	>2 mg/l
<i>Staphylococcus spp.</i>	≤1 mg/l	>2 mg/l
<i>S. pneumoniae</i> <sup>1</sup>	≤2 mg/l	>2 mg/l
<i>Streptococcus A, B, C, G</i>	≤1 mg/l	>2 mg/l
<i>H. influenzae</i> <sup>2,3</sup>	≤1 mg/l	>1 mg/l
<i>M. catarrhalis</i> <sup>3</sup>	≤1 mg/l	>1 mg/l
Breakpoint li mhumiex assoċjati ma xi speċi <sup>4</sup>	≤1 mg/l	>2 mg/l

1. Il-breakpoints għal levofloxacin huma assoċjati ma' terapija b' doża għolja.
2. Reżistenza baxxa ta' fluoroquinolone (ciprofloxacin MICs ta' 0.12-0.5 mg/l) tista' sseħħ imma m'hemm l-ebda evidenza li din ir-reżistenza hija ta' importanza klinika f' infezzjonijiet tas-sistema respiratorja kkaġunati minn *H. influenzae*.
3. Tipi ta' mikrobi li għandhom il-valuri tal-MIC ogħla mill-breakpoint suxxettibbli huma rari ħafna jew għandhom mhumiex irrapportati. L-identifikazzjoni u s-suxxettibilità għal aġenti antimikrobjali ta' kwalunkwe mikrobu ta' dan it-tip għandhom jiġi ripetuti u jekk ir-riżultat huwa kkonfermat, il-mikrobu għandu jiġi mibgħut lill-laboratorju riferibbli. Sakemm ikun hemm evidenza dwar ir-rispons kliniku tal-mikrobi li huma kkonfermati li għandhom MIC ogħla mill-breakpoint reżistenti attwali, dawn għandhom ikunu rrapportati bħala reżistenti.
4. Il-breakpoints japplikaw għal doża orali ta' 500 mg x 1 sa 500 mg x 2 u għal doża fil-vina ta' 500 mg x 1 sa 500 mg x 2.

Il-prevalenza tar-reżistenza tista' tvarja ġeografikament u biż-żmien għal speċi partikulari u informazzjoni lokali dwar ir-reżistenza hija mixtieqa, speċjalment meta ikun hemm trattament ta' infezzjonijiet serji. Għandu jittieħed il-parir ta' espert skont il-bżonn meta l-prevalenza lokali tar-reżistenza hija tant li l-utilità tal-mediċina, għalinqas f'xi tipi ta' infezzjonijiet, hija dubjuża .

**Speċi li huma normalment suxxettibli**

**Batterji li huma aerobiċi u Gram-positive**

*Bacillus anthracis*

*Staphylococcus aureus* suxxettibli għal methicillin

*Staphylococcus saprophyticus*

*Streptococci*, gruppi C u G

*Streptococcus agalactiae*

*Streptococcus pneumoniae*

*Streptococcus pyogenes*

**Batterji li huma aerobiċi u Gram-negative**

*Eikenella corrodens*

*Haemophilus influenzae*

*Haemophilus para-influenzae*

*Klebsiella oxytoca*

*Moraxella catarrhalis*

*Pasteurella multocida*

*Proteus vulgaris*

*Providencia rettgeri*

**Batterji li huma anaerobiċi**

*Peptostreptococcus*

**Oħrajn**

*Chlamydophila pneumoniae*

*Chlamydophila psittaci*

*Chlamydia trachomatis*

*Legionella pneumophila*

*Mycoplasma pneumoniae*

*Mycoplasma hominis*

*Ureaplasma urealyticum*

### **Speċi li jistgħu jiksbu reżistenza li tista' tkun ta' problema**

#### Batterji li huma aerobiċi u Gram-positive

*Enterococcus faecalis*

*Staphylococcus aureus* reżistenti għal methicillin<sup>#</sup>

*Staphylococcus spp* li huma coagulase negative

#### Batterji li huma aerobiċi u Gram-negative

*Acinetobacter baumannii*

*Citrobacter freundii*

*Enterobacter aerogenes*

*Enterobacter cloacae*

*Escherichia coli*

*Klebsiella pneumoniae*

*Morganella morganii*

*Proteus mirabilis*

*Providencia stuartii*

*Pseudomonas aeruginosa*

*Serratia marcescens*

#### Batterji li huma anaerobiċi

*Bacteroides fragilis*

### **Razez li huma reżistenti min-natura**

#### Batterji li huma aerobiċi u Gram-positive

*Enterococcus faecium*

<sup>#</sup> *S. aureus* li huwa reżistenti għal methicillin x'aktarx ikollhom reżistenza wkoll għal fluoroquinolones, inkluż levofloxacin.

## **5.2 Tagħrif farmakokinetiku**

### Assorbiment

Meta jingħata b'mod orali, levofloxacin huwa assorbit malajr u kważi kompletament u l-konċentrazzjonijiet massimi fil-plażma jinkisbu fi żmien siegħa sa sagħtejn. Il-bijodisponibbiltà assoluta hija 99 - 100%.

L-ikel għandu effett żgħir fuq l-assorbiment ta' levofloxacin.

Kundizzjonijiet ta' stat fiss jintlaħqu fi żmien 48 siegħa wara dożaġġ ta' 500 mg darba jew darbtejn kuljum.

### Distribuzzjoni

Madwar 30 - 40% ta' levofloxacin huwa marbut mal-proteini fis-serum.

Il-volum medju ta' distribuzzjoni ta' levofloxacin huwa ta' madwar 100L wara dożi ta' 500mg mogħtijin waħidhom u ripetuti, li jindika distribuzzjoni mifruxa fit-tessuti tal-ġisem.



### Penetrazzjoni fis-tessuti u fluwidi tal-ġisem:

Ġie stabilit li levofloxacin jippenetra fil-mukożi tal-bronki, fl-inforra fluwida epiteljali, fil-makrofaġi alveolari, fit-tessut tal-pulmun, fil-ġilda (fluwidu tal-inafet), fit-tessut tal-prostata u fl-urina. Madankollu, levofloxacin għandu penetrazzjoni fqira fil-fluwidu ċerebrospinali

### Bijotrasformazzjoni

Levofloxacin huwa metabolizzat ftit ħafna, il-metaboliti huma desmethyl-levofloxacin u levofloxacin N-oxide. Dawn il-metaboliti jammontaw għal <5% tad-doża u jitneħħew fl-urina. Levofloxacin huwa sterjokemikament stabbli u ma jgħaddix minn inverżjoni kirali.

### Eliminazzjoni


Wara li levofloxacin jingħata b' mod orali u minn ġol-vina, huwa eliminat relattivament bil-mod mill-plażma ( $t_{1/2}$ : 6 - 8 sigħat). L-eliminazzjoni hija primarjament mis-sistema renali (> 85% tad-doża mogħtija).

It-tneħħija apparenti medja ta' levofloxacin mill-ġisem kollu wara doża waħda ta' 500 mg kienet 175+/-29.2 ml/minuta.

M'hemmx differenzi kbar fil-farmakokinetiċi ta' levofloxacin wara l-ġhoti mill-vina u l-ġhoti orali, u dan jissuġġerixxi li r-rotot orali u minn ġol-vina huma interkambjabbli.

### Linearità

Levofloxacin jidher li huwa linearità fuq medda ta' 50 sa 1000 mg.



Il-farmakokinetika ta' levofloxacin hija affettwata mill-indeboliment renali. Meta l-funzjoni renali tibda tinqas, l-eliminazzjoni renali u t-tneħħija renali jiġu wkoll mnaqqsa, u l-half lives tal-eliminazzjoni jizjeddu kif muri fit-tabella hawn taħt:

Il-farmakokinetika fil-każ ta' insuffiċjenza renali wara doża waħda ta' 500 mg

$Cl_{cr}$ [ml/minuta]	<20	20 - 49	50 - 80
$Cl_R$ [ml/minuta]	13	26	57
$t_{1/2}$ [sigħat]	35	27	9

### Nies anzjani

M'hemmx differenzi sinifikanti fil-farmakokinetiċi ta' levofloxacin bejn individwi ta' età zġhira u l-anzjani, hliedawk assoċjati ma' differenzi fit-tneħħija tal-kreatinina.

### Differenzi tas-sess

Analiżi separata fuq irġiel u nisa wriet differenzi fil-farmakokinetika ta' levofloxacin li kienu minn zġhar sa marġinali. M'hemmx l-ebda evidenza li dawn id-differenzi bejn is-sessi huma ta' rilevanza klinika.

### 5.3 Tagħrif ta' qabel l-użu kliniku dwar is-sigurtà

Informazzjoni mhux klinika magħmula fuq studji konvenzjonali ta' tossiċità b'doża waħda, effett tossiku minn dożi ripetuti, il-potenzjal karsinoġeniku u effett tossiku fuq is-sistema riproduttiva u l-iżvilupp, ma turi l-ebda periklu speċjali għall-bnedmin.

Levofloxacin ma kkawża l-ebda indeboliment fil-fertilità jew l-andament riproduttiv fil-firien u l-uniku effett tiegħu fuq il-feti kien maturazzjoni ttardjata minħabba tossiċità materna.

Levofloxacin ma kkawżax mutazzjonijiet tal-gene fiċ-ċelluli batterjali jew mammiferi iżda kkaġuna anormalitajiet tal-kromosomi fiċ-ċelluli *in vitro* tal-pulmun tal-ħamster Ċiniż. Dawn l-effetti jistgħu jiġu attribwiti għall-inibizzjoni ta' topoisomerase II. Testijiet *in vivo* (*micronucleus*, *sister chromatid exchange*, sinteżi tad-DNA mhux skedat, testijiet letali dominanti) ma wrew l-ebda potenzjal ġenotossiku.

Studji fil-ġrieden urew li levofloxacin għandu attività fototossika biss f'dożi għoljin ħafna. Levofloxacin ma wera l-ebda potenzjal ġenotossiku f'analiżi fotomutaġeniku, u naqqas l-iżvilupp tat-tumur fi studju fotokarsinoġeniku.

B'mod simili ma' fluoroquinolones oħra, levofloxacin wera effetti fuq il-qarquċa (bżieżaq u toqob) fil-firien u l-klieb. Dawn is-sejbiet kienu aktar notevoli fil-frieħ tal-animali.

## 6. TAGĦRIF FARMAĊEWTIKU

### 6.1 Lista ta' eċċipjenti

Tavanic 250 mg pilloli miksijin b'rita fihom dawn l-eċċipjenti li ġejjin li jagħtu piż ta' 315 mg:  
Tavanic 500 mg pilloli miksijin b'rita fihom dawn l-eċċipjenti li ġejjin li jagħtu piż ta' 630 mg:

#### **Il-qalba tal-pillola:**

Crospovidone  
Hypromellose  
Microcrystalline cellulose  
Sodium stearyl fumarate.

#### **Il-kisja tal-pillola:**

Hypromellose  
Titanium dioxide E 171  
Talc  
Macrogol  
Ferric oxide isfar E 172  
Ferric oxide aħmar E 172

### 6.2 Inkompatibilitajiet

Mhux applikabbli

### 6.3 Żmien kemm idum tajjeb il-prodott mediċinali

5 snin

### 6.4 Prekawzjonijiet speċjali għall-ħażna

Dan il-prodott mediċinali m'għandu bżonn ta' ebda kondizzjonijiet speċjali ta' ħażna

## **6.5 In-natura tal-kontenitur u ta' dak li hemm ġo fih**

Folji tal-PVC/ Aluminju li fihom il-pilloli miksijin b'rita.

Daqsijiet tal-pakketti għall-pilloli ta' 250 mg: 1, 3, 5, 7, 10, 50 u 200 huma disponibbli biex ikunu fis-suq.

Daqsijiet tal-pakketti għall-pilloli ta' 500 mg: 1, 5, 7, 10, 50, 200 u 500 huma disponibbli biex ikunu fis-suq.

Jista' jkun li mhux il-pakketti tad-daqsijiet kollha jkunu fis-suq.

## **6.6 Prekawzjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu meta jintrema**

Il-qasma fin-nofs tal-pillola tippermetti li d-doża tiġi adattata għall-pazjenti b'indeboliment fil-funzjoni renali.

Kif isir għall-mediċini kollha, kull fdal tal-prodott li ma jiġix użat għandu jintrema kif jitolbu l-liġijiet ambjentali lokali.

## **7. DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

## **8. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

## **9. DATA TAL-EWWEL AWTORIZZAZZJONI/TIĠDID TAL-AWTORIZZAZZJONI**

Data tal-ewwel awtorizzazzjoni: [Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

Data tal-aħħar tiġdid: [Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

## **10. DATA TA' REVIŻJONI TAT-TEST**

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

**TIKKETTA**

**TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA**

**KARTUNA/KAXXA**

**1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI**

TAVANIC 250 mg pilloli miksijin b'rita

TAVANIC 500 mg pilloli miksijin b'rita

Levofloxacin

**2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA(I) ATTIVA**

Kull pillola miksija b'rita fiha 250 mg ta' levofloxacin bħala levofloxacin hemihydrate

Kull pillola miksija b'rita fiha 500 mg ta' levofloxacin bħala levofloxacin hemihydrate

**3. LISTA TA' EĊĊIPJENTI**

**4. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA U KONTENUT**

*Għall-pillola ta' 250 mg :*

Pillola 1 miksija b'rita

3 pilloli miksijin b'rita

5 pilloli miksijin b'rita

7 pilloli miksijin b'rita

10 pilloli miksijin b'rita

50 pillola miksija b'rita

200 pillola miksija b'rita

*Għall-pillola ta' 500 mg :*

Pillola 1 miksija b'rita

5 pilloli miksijin b'rita

7 pilloli miksijin b'rita

10 pilloli miksijin b'rita

50 pillola miksija b'rita

200 pillola miksija b'rita

500 pillola miksija b'rita

**5. MOD TA' KIF U MNEJN JINGĦATA**

Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu

Għall-użu orali

**6. TWISSIJA SPEĊJALI LI L-PRODOTT MEDIĊINALI GĦANDU JINŻAMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL**

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.

**7. TWISSIJA(IET) SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠA**

Uża kif ordnat mit-tabib tiegħek

**8. DATA TA' SKADENZA**

JIS

**9. KONDIZZJONIJIET SPEĊJALI TA' KIF JINĦAŻEN**

**10. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI GĦAR-RIMI TA' PRODOTTI MEDIĊINALI MHUX UŻATI JEW SKART MINN DAWN IL-PRODOTTI MEDIĊINALI, JEKK HEMM BŻONN.**

**11. ISEM U INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

**12. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

**13. NUMRU TAL-LOTT**

Lott

**14. KLASSIFIKAZZJONI ĠENERALI TA' KIF JINGĦATA**

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

**15. ISTRUZZJONIJIET DWAR L-UŻU**

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

**16. INFORMAZZJONI BIL-BRAILLE**

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

**TAGĦRIF MINIMU LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-FOLJI**

**FOLJA / PVC/FOJL TAL-ALUMINJU**

**1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI**

TAVANIC 250 mg pilloli miksijin b'rita  
TAVANIC 500 mg pilloli miksijin b'rita  
levofloxacin

**2. ISEM TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

**3. DATA TA' SKADENZA**

JIS

**4. NUMRU TAL-LOTT**

Lott

**5. OĦRAJN**

**FULJETT TA' TAGĦRIF**



## Fuljett ta' tagħrif: Informazzjoni għall-utent

**Tavanic 250 mg pilloli**

**Tavanic 500 mg pilloli**

**levofloxacin**

### **Aqra sew dan il-fuljett kollu qabel tibda tieħu din il-mediċina peress li fih informazzjoni importanti għalik.**

- Żomm dan il-fuljett. Jista' jkollok bżonn terġa' taqrah.
- Jekk ikollok aktar mistoqsijiet, staqsi lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.
- Din il-mediċina għet mogħtija lilek biss. M'għandekx tgħaddiha lil persuni oħra. Tista' tagħmlilhom il-ħsara, anki jekk ikollhom l-istess sinjali ta' mard bħal tiegħek.
- Jekk ikollok xi effett sekondarju kellem lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek. Dan jinkludi xi effett sekondarju possibbli li m'huwiex elenkat f'dan il-fuljett.

### **F'dan il-fuljett:**

1. X'inhuma l-pilloli Tavanic u għalxiex jintuża
2. X'għandek tkun taf qabel ma tieħu l-pilloli Tavanic
3. Kif għandek tieħu l-pilloli Tavanic
4. Effetti sekondarji possibbli
5. Kif taħżen il-pilloli Tavanic
6. Kontenut tal-pakkett u informazzjoni oħra

### **1. X'inhuma il-pilloli Tavanic u għalxiex jintużaw**

L-isem tal-mediċina tiegħek hija pilloli Tavanic. Il-pilloli Tavanic fihom mediċina msejħa levofloxacin. Dan jagħmel parti minn grupp ta' mediċini msejħa antibijotiċi. Levofloxacin huwa 'quinolone' antibijotiku. Huwa jaħdem billi joqtol il-batterji li jikkawżaw infezzjonijiet fil-ġisem tiegħek.

#### **Il-pilloloi Tavanic jistgħu jintużaw biex jikkuraw infezzjonijiet:**

- tas-Sinosis
- tal-Pulmun, f'nies li ilhom għal tul ta' żmien bi problem fin-nifs jew pnemonja
- tal-Apparat urinarju, inkluż il-kliewi jew il-bużżieqa tal-urina tiegħek
- tal-Prostata, fejn ikollok infezzjoni fit-tul
- Ġilda u taħt il-ġilda, inkluż il-muskoli. Dan huwa xi kultant imsejjaħ 'tessut artab'

F'xi sitwazzjonijiet speċjali, il-pilloli Tavanic jistgħu jintużaw biex tnaqqas iċ-ċans li jkollok mard tal-pulmun magħruf bħala anthrax jew deterjorament tal-marda wara li tiġi espost għall-batterji li jikkawżaw l-anthrax.

### **2. X'għandek tkun taf qabel ma tieħu l-pilloli Tavanic**

#### **Tiħux din il-mediċina u għid lit-tabib tiegħek jekk:**

- Inti allerġiku għal levofloxacin, kwalunkwe antibijotiku quinolone ieħor bħal moxifloxacin, ciprofloxacin jew ofloxacin jew xi sustanza oħra ta' din il-mediċina (elenkati f'sezzjoni 6 hawn taħt)  
Sinjali ta' reazzjoni allerġika jinkludu: raxx, problemi biex tibra' jew problemi tan-nifs, nefħa fix-xufftejn, wiċċ, gerżuma jew ilsien

- Xi darba kellek l-epilessija
- Xi darba kellek problema fit-tendini tiegħek bħal tendinite li kien assoċjat ma' terapija b'antibijotiku tal-klassi quinolones. It-tendin huwa bħal korda li tqabba il-muskoli tiegħek mal-għadam tiegħek
- Inti tifel/tifla jew zagħżuġh/a li qed tikber
- Inti tqila, tista' toħroġ tqila, jew taħseb li tista' tkun tqila
- Inti qed tredda'

M'għandekx tieħu din il-mediċina jekk xi waħda minn dawn t'hawn fuq tapplika għalik. Jekk m'intix ċert, kellek lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek qabel ma tieħu Tavanic.

### **Twissijiet u prekawzjonijiet**

#### **Kellem lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek qabel tieħu l-mediċina tiegħek jekk:**

- Għandek 60 sena jew aktar
- Qed tuża kortikosteroidi, kultant magħrufa bħala steroidi (ara sezzjoni "Mediċini oħra u Tavanic)
- Xi darba kellek aċċessjoni
- Kellek ħsara fil-moħħ minħabba xi puplesija jew ħsara oħra lill-moħħ
- Għandek problemi tal-kliewi
- Għandek xi ħaġa magħrufa bħala glucose-6-phosphate dehydrogenase deficiency. Hemm aktar ċans li jkollok problemi serji fid-demem tiegħek meta tieħu din il-mediċina
- Xi darba kellek problemi mentali
- Xi darba kellek problemi tal-qalb: wieħed għandu joqgħod attent meta tintuża din it-tip' mediċina, jekk twelidt bi jew għandek storja tal-intervall QT twil (li deher fuq l-ECG, irrekordjar elettriku tal-qalb), għandek żbilanċ tal-melħ fid-demem (speċjalment livell baxx ta' potassju jew magnesium fid-demem), għandek ir-ritmu tal-qalb bil-mod ħafna (kundizzjoni msejħa bradikardija), għandek qalb dgħajfa (insuffiċjenza tal-qalb), għandek storja ta' attakk tal-qalb (infart mijokardijaku), inti mara jew anzjan/a jew qed tieħu mediċini oħra li jikkaġunaw tibdil fl-ECG li mhux normali (ara sezzjoni Meta tieħu mediċini oħra).
- Int dijabetiku
- Xi darba kellek problemi tal-fwied
- Inti għandek myasthenia gravis

Jekk m'intix ċert jekk xi waħda minn dawn tapplika għalik, kellek lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek qabel ma tieħu Tavanic.

### **Mediċini oħra u Tavanic**

Għid lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek jekk qiegħed tieħu, ħadt dan l-aħħar jew tista' tieħu xi mediċina oħra. Dan għaliex Tavanic jista' jaffettwa l-mod ta' kif jaħdmu xi mediċini oħra. Xi mediċini jistgħu jaffettwaw ukoll il-mod ta' kif jaħdem Tavanic.

### **B'mod partikulari, għid lit-tabib tiegħek jekk qed tieħu xi waħda mill-mediċini li ġejjin. Dan għaliex jista' jiddied iċ-ċans li jkollok effetti sekondarji, meta jittieħdu mal-pilloli Tavanic:**

- Kortikosteroidi, kultant imsejħa steroidi - użati għall-infjammazzjoni. Hemm ċans akbar li jkollok infjammazzjoni / jew tiċrit tat-tendini tiegħek.
- Warfarin -użat biex irraqaq id-demem. Hemm ċans akbar li jkollok tnixxija tad-demem. It-tabib tiegħek jista' jagħmillek testijiet tad-demem regolari biex jiċċekkja kemm qed jagħqad tajjeb id-demem tiegħek.
- Theophylline - użat għal problemi tan-nifs. Hemm ċans akbar li jkollok aċċessjoni jekk jittieħed ma' Tavanic.
- Mediċini li mhumiex steroidi kontra l-infjammazzjoni (NSAIDs) - użati għall-uġiġħ u l-infjammazzjoni bħal aspirina, ibuprofen, fenbufen, ketoprofen, indomethacin. Hemm ċans akbar li jkollok aċċessjoni jekk jittieħdu ma' Tavanic.
- Ciclosporin - jintuża wara trapjanti ta' organi. Hemm ċans akbar li jkollok l-effetti sekondarji ta' ciclosporin
- Mediċini magħrufa li jaffettwaw il-mod ta' kif tħabbat qalbek. Dawn jinkludi mediċini użati għat-ritmu tal-qalb mhux normali (antiarritmiċi bħal quinidine, hydroquinidine, disopyramide,

- sotalol, dofetilide, ibutilide u amiodarone), għad-dipressjoni (antidepressivi triċikliċi bħal amitriptyline u imipramine), għal disturbi psikjatriċi (antipsikotiċi), u għall-infezzjonijiet batterjali (antibijotiċi tal-klassi ‘makrolidi’ bħal erythromycin, azithromycine u clarithromycin)
- Probenecid - użat għall-gotta u cimetidine - użat għall-ulċeri u ħruq ta’ stonku. Attenzjoni speċjali għandha tittieħed meta tieħu waħda minn dawn il-mediċini ma’ Tavanic. Jekk għandek problemi tal-kliwi, it-tabib tiegħek jista’ jagħtik doża aktar baxxa.

### **Tiħux il-pilloli Tavanic fl-istess ħin ma’ dawn il-mediċini li ġejjin. Dan għaliex jistgħu jaffettwaw il-mod ta’ kif jaħdmu il-pilloli Tavanic:**

- Pilloli tal-ħadid (għall-anemija), vitamini taż-żingu, sustanzi kontra l-aċtu li fihom il-manjesju jew l-aluminju (għall-aċtu jew ħruq ta’ stonku), didanosine, jew sucralfate (għall-ulċeri fl-istonku). Ara sezzjoni 3 “Jekk diġà qed/a tieħu pilloli tal-ħadid, vitamini taż-żingu, sustanzi kontra l-aċtu, didanosine jew sucralfate” aktar ’l isfel

### **Testijiet għall-opiates fl-urina**

Testijiet fl-urina jistgħu jagħtu riżultati pożittivi foloz għall-analġesiċi qawwijin li jissejju ‘opiates’ fil-persuni li qed jieħdu Tavanic. Jekk it-tabib tiegħek ordnalek test tal-urina, għid lit-tabib tiegħek li qed tieħu Tavanic.

### **Testijiet tat-tuberkulożi**

Din il-mediċina tista’ tikkawża riżultati negattivi foloz għal xi testijiet użati fil-laboratorju biex ifittxu għall-batterja li tikkawża t-tuberkulożi.

### **Tqala u treddigħ**

Tiħux din il-mediċina jekk:

- Inti tqila, tista’ toħroġ tqila jew taħseb li tista’ tkun tqila
- Inti qed tredda’ jew qed tippjana biex tredda’

Staqsijet lit-tabib jew lill-spiżjar tiegħek għal parir qabel tieħu xi mediċina jekk inti tqila jew qed tredda’.

### **Sewqan u tħaddim ta’ magni**

Inti jsta’ jkollok effetti sekondarji wara li tingħata din il-mediċina, inkluż li tħossok sturdut, bi nghan, sensazzjoni ta’ tidwir (vertiġini) jew bidliet fil-vista tiegħek. Xi wħud minn dawn l-effetti sekondarji jistgħu jaffettwaw l-abilità tiegħek biex tkun tista’ tikkonċentra u l-ħeffa tiegħek biex tirreaġixxi. Jekk jiġri dan, m’għandekx issuq jew tagħmel xi xogħol li jeħtieġ livell għoli ta’ attenzjoni.

## **3. Kif għandek tieħu l-pilloli Tavanic**

Dejjem għandek tieħu din il-mediċina skont il-parir eżatt tat-tabib. Dejjem għandek taċċerta ruħek mat-tabib jew mal-ispiżjar tiegħek jekk ikollok xi dubju.

### **Meta tieħu din il-mediċina**

- Hu din il-mediċina mill-ħalq
- Ibla’ l-pilloli sħaħ b’tazza ilma
- Il-pilloli jistgħu jittieħdu waqt l-ikel jew bejn ikla u oħra

### **Ipproteġi l-ġilda tiegħek mix-xemx**

Toqgħodx f’xemx diretta waqt li tkun qed tieħu din il-mediċina u għal jumejn wara li tieqaf teħodha. Dan għaliex il-ġilda tiegħek issir ħafna aktar sensitiva għall-xemx u tista’ tinħaraq, tneqem jew tiffurma nfafet severi jekk inti ma teħux il-prekawzjonijiet li ġejjin:

- Kun żgur li tuża krema protettiva kontra x-xemx b’fattur għoli
- Dejjem ilbes kappell u ħwejjeġ li jgħattu ’l dirgħajk u riġlejk
- Evita sodod artifiċjali tax-xemx

**Jekk diġà qed/a tieħu pilloli tal-ħadid, vitamini taż-żingu, sustanzi kontra l-aċtu, didanosine jew sucralfate**

- Tiħux dawn il-mediċini fl-istess ħin ma' Tavanic. Hu d-doża tiegħek ta' dawn il-mediċini mill-anqas saġhtejn qabel jew wara l-pilloli Tavanic.

### **Kemm għandek tieħu**

- It-tabib tiegħek se jiddeċiedi kemm għandek tieħu pilloli ta' Tavanic.
- Id-doża se tiddependi mit-tip ta' infezzjoni li għandek u fejn fil-ġisem tiegħek qiegħda l-infezzjoni
- It-tul tal-kura se tiddependi minn kemm hi serja l-infezzjoni tiegħek
- Jekk tħoss li l-effett tal-mediċina tiegħek hija dgħajfa wisq jew qawwija wisq, tbiddilx id-doża inti stess, iżda saqsi lit-tabib tiegħek

### **Adulti u anzjani**

#### **Infezzjonijiet tas-sinuisis**

- Żewġ pilloli ta' Tavanic 250 mg, darba kuljum
- Jew, pillola waħda ta' Tavanic 500 mg, darba kuljum

#### **Infezzjoni fil-pulmun, f'nies bi problemi għal tul ta' żmien bin-nifs**

- Żewġ pilloli ta' Tavanic 250 mg, darba kuljum
- Jew, pillola waħda ta' Tavanic 500 mg, darba kuljum

#### **Pnewmonja**

- Żewġ pilloli ta' Tavanic 250 mg, darba kuljum
- Jew, pillola waħda ta' Tavanic 500 mg, darba kuljum

#### **Infezzjoni tal-apparat urinarju, inkluż il-kliewi jew il-bużżieqa tal-urina tiegħek**

- Pillola jew żewġ pilloli ta' Tavanic 250 mg, kuljum
- Jew, 1/2 jew pillola waħda ta' Tavanic 500 mg, kuljum

#### **Infezzjoni fil-glandola tal-prostata**

- Żewġ pilloli ta' Tavanic 250 mg, darba kuljum
- Jew, pillola waħda ta' Tavanic 500 mg, darba kuljum

#### **Infezzjoni tal-ġilda u taħt il-ġilda, inkluż il-muskoli**

- Żewġ pilloli ta' Tavanic 250 mg, darba jew darbtejn kuljum
- Jew, pillola waħda ta' Tavanic 500 mg, darba jew darbtejn kuljum

### **Adulti u l-anzjani bi problem fil-kliewi**

It-tabib tiegħek jista' jkollu bżonn jagħtik doża inqas

### **Tfal u adolexxenti**

Din il-mediċina m'għandhiex tingħata lit-tfal u zghażaġh

### **Jekk tieħu aktar pilloli ta' Tavanic milli suppost**

Jekk bi żball tieħu iżjed pilloli milli suppost, għid lil xi tabib jew ikseb parir mediku ieħor minnufih. Hu l-pakkett tal-mediċini miegħek. Dan sabiex it-tabib ikun jaf x'tkun ħadt. Jistgħu jseħħu l-effetti li ġejjin: aċċessjonijiet konvulsivi (puplesiji), tħossok konfuż, sturdut, inqas konxju, jkollok roġħda u problemi tal-qalb li jwasslu għal taħbit irregolari tal-qalb kif ukoll tħossok ma tiflaħx (dardir) jew tħoss ħruq fl-istonku.

### **Jekk tinsa tieħu l-pilloli Tavanic**

Jekk tinsa tieħu xi doża, ħudha malli tiftakar sakemm ma jkunx wasal kważi l-ħin biex tieħu d-doża li jmiss. Għad-doża li jmiss, tieħux doża doppja biex tpatti għad-doża li tkun insejt tieħu.

### **Jekk tieqaf tieħu l-pilloli Tavanic**

Tieqafx tieħu Tavanic sempliċement għax tħossok aħjar. Huwa important li tispiċċa l-kors ta' pilloli li jkun ordnalek it-tabib tiegħek. Jekk tieqaf tieħu l-pilloli malajr wisq, l-infezzjoni tista' terġa' tiġi lura, il-kundizzjoni tiegħek tista' tmur għall-aħjar jew il-mikrobu jista' jsir reżistenti għall-mediċina. Jekk għandek aktar mistoqsijiet dwar l-użu ta' din il-mediċina, staqsi lit-tabib, lin-ners jew lill-ispiżjar tiegħek.

#### **4. Effetti sekundarji possibbli**

Bħal kull mediċina oħra, din il-mediċina tista' tikkawża effetti sekundarji, għalkemm ma jidhrux fuq kulħadd. Dawn l-effetti huma normalment ħfief jew moderati u ħafna drabi jisparixxu wara ftit żmien.

#### **Ieqaf tieġu Tavanic u ara tabib jew mur l-isptar minnufih jekk tinnota l-effett sekundarju li ġej:**

**Rari ħafna** (jistgħu jaffettwaw sa 1 minn kull 10,000 persuna)

- Ikollok reazzjoni allerġika. Is-sinjali jistgħu jinkludu: raxx, problemi biex tibra' jew biex tieġu n-nifs, nefħa f'xufftejk, wiċċ, gerżuma, jew ilsien.

#### **Ieqaf tieġu Tavanic u ara tabib minnufih jekk tinnota kwalunkwe wieħed minn dawn l-effetti sekundarji li ġejjin – jista' jkollok bżonn kura medika urġenti:**

**Rari** (jistgħu jaffettwaw sa 1 minn kull 1,000 persuna)

- Dijarea b'ħafna ilma li tista' tkun bid-demm, possibbilment b'bugħawwieġ fl-istonku u temperatura għolja. Dawn jistgħu jkunu sinjali ta' problema serja tal-musrana
- Uġiġħ u infjammazzjoni fit-tendini tiegħek jew ligamenti li jistgħu jwasslu għal tiċrit. It-tendin ta' Akille huwa l-aktar li jiġi affettwat spiss.
- Aċċessjonijiet (konvulżjonijiet)

**Rari ħafna** (jistgħu jaffettwaw sa 1 minn kull 10,000 persuna)

- Ħruq, tneumnin, uġiġħ, jew tirżiħ. Dawn jistgħu jkunu sinjali ta' kundizzjoni msejja 'newropatija'

#### **Oħrajn:**

- Raxx sever tal-ġilda li jista' jinkludi nfafet jew tqaxxir tal-ġilda madwar xufftejk, għajnejk, ħalqek, imnieħrek u l-ġenitali tiegħek
- Telf ta' aptit, sfurija tal-ġilda u tal-għajnejn, l-urina tkun ta' kulur skur, ħakk, jew tenerezza fl-istonku (l-addome). Dawn jistgħu jkunu sinjali ta' problemi tal-fwied li jistgħu jinkludu insuffiċjenza fatali tal-fwied.

Jekk il-vista ma tibqax tajba jew ikollok xi disturbji oħra fl-għajnejn waqt li qed tieġu Tavanic, ikkonsulta minnufih xi speċjalista tal-għajnejn. (ara sezzjonijiet 4.7 u 4.8)

#### **Għid lit-tabib tiegħek jekk xi effetti sekundarju minn dawn li ġejjin jiggrava jew idum aktar minn ftit jiem:**

**Komuni** (jistgħu jaffettwaw sa 1 minn kull 10 persuni)

- Problemi tal-irqad
- Uġiġħ ta' ras, tħossok sturdut
- Tħossok ma tiflaħx (dardir, rimettar) u dijarea
- Żieda fil-livell ta' xi enzimi tal-fwied fid-demm tiegħek

**Mhux komuni** (jistgħu jaffettwaw sa 1 minn kull 100 persuni)

- Tibdil fil-numru ta' batterja oħra jew fungi, infezzjoni minn fungi magħrufa bħala Candida, li tista' jkollha bżonn tiġi ttrattata
- Tibdil fil-għadd ta' ċelluli bojod tad-demm li jkunu ndikati fir-riżultati ta' xi testijiet tad-demm (lewkopenja, eosinofilja)
- Tħossok stressjat (ansjetà), tħossok konfuż, tħossok nervuż, tħossok bi nġhas, roġħda, ikollok sensazzjoni ta' tidwir (vertiġini)
- Qtuġħ ta' nifs (dispneja)
- Tibdil fit-togħma, nuqqas ta' aptit, taqlib fl-istonku jew indiġestjoni (dispepsija), uġiġħ fl-istonku tiegħek, tħossok minfuħ (gass) jew stitikezza

- Ħakk u raxx tal-ġilda, ħakk sever jew ħorriqija (urtikarja), ħafna ġharaq (iperidrożi)
- Uġiġħ fil-ġogi jew uġiġħ fil-muskoli
- Testijiet tad-demem jistgħu juru rizzultati mhux tas-soltu minħabba problemi fil-fwied (żieda fil-bilirubina) jew tal-kliwi (żieda fil-kreatinina)
- Dġhufija ġenerali

#### **Rari** (jistgħu jaffettwaw sa 1 minn kull 1,000 persuna)

- Tbenġil u tnixxija tad-demem li jġru faċilment minħabba tnaqqis fin-numru ta' plejtlits fid-demem (tromboċitopenija)
- Numru baxx ta' ċelluli bojod tad-demem (newtropenija)
- Reazzjoni immunitarja esaġerata (sensittività eċċessiva)
- Jitbaxxa l-livell taz-zokkor fid-demem (ipogliċemija). Dan huwa importanti għall-persuni li għandhom id-dijabete.
- Il-pazjent jista' jara jew jisma' affarijiet li mhumiex hemm (alluċinazzjonijiet, paranojja), tibdil fl-opinjoni tiegħek u ħsibijiet (reazzjonijiet psikotiċi) b'riskju li jkollok ħsibijiet jew azzjonijiet ta' suwiċidju
- Tħossok mdejjaq, problemi mentali, tkun bla sabar (aġitazzjoni), ħolm mhux tas-soltu jew inkubi
- Tnemnim f'idejk u f'saqajk (parasteżija)
- Problemi fis-smiġh tiegħek (tinnitus) jew vista (vista mċajpra)
- Taħbit mgħaġġel ta' qalbek li mhux normali (takikardija) jew pressjoni baxxa (ipotensjoni)
- Dġhufija fil-muskoli. Dan huwa importanti fin-nies b'myasthenia gravis (marda rari tas-sistema nervuża).
- Tibdil fil-mod kif jaħdmu l-kliwi tiegħek u kultant ikun hemm insuffiċjenza tal-kliwi li tista' tigr minħabba reazzjoni allerġika tal-kliwi imsejħa nefrite interstizjali.
- Deni

#### **Effetti sekondarji oħra jinkludu:**

- Tnaqqis fin-numru ta' ċelluli ħomor tad-demem (anemija): dan jista' jagħmel il-ġilda pallida jew safra minħabba ħsara fiċ-ċelloli ħomor tad-demem; tnaqqis fin-numru tat-tipi kollha ta' ċelluli tad-demem (panċitopenja)
- Deni, uġiġħ fil-ġriżmejn u sensazzjoni ġenerali li tħossok ma tiflaħx u li tibqa'. Dan jista' jġri minħabba tnaqqis fin-numru ta' ċelluli bojod tad-demem (agranuloċitosi).
- Telf ta' ċirkolazzjoni (xokk anafilattiku)
- Żieda fil-livell taz-zokkor fid-demem (ipergliċemija) jew tnaqqis fil-livell taz-zokkor fid-demem li jwassal għal koma (koma ipogliċemika). Dan huwa importanti għall-persuni li għandhom id-dijabete.
- Tibdil fis-sens tar-riħa, telf tas-sens tar-riħa jew tat-togħma (parosmija, anosmija, ageusia)
- Problemi fil-moviment u fil-mixi (diskineżija, disturbi ekstrapiramidali)
- Telf temporanju tas-sensi jew qagħda tal-ġisem (sinkope)
- Telf temporanju tal-vista
- Indeboliment jew telf ta' smiġh
- Ritmu mgħaġġel tal-qalb li mhumiex normali, ritmu irregolari tal-qalb li jista' jkun ta' periklu għall-ħajja inkluż arrest kardijaku, bidla tar-ritmu tal-qalb msejjaħ 'titwil tal-intervall QTI', kif osservat fuq ECG, l-attività elettriċa tal-qalb)
- Diffikultà biex tieħu n-nifs jew tħarħir (bronkospażmu)
- Reazzjonijiet allerġiċi tal-pulmun
- Pankreatite
- Infjammazzjoni tal-fwied (epatite)
- Sensittività akbar tal-ġilda tiegħek għax-xemx u d-dawl ultraviolet (fotosensittività)
- Infjammazzjoni tal-vini u l-arterji li jgħorru d-demem madwar il-ġisem tiegħek minħabba reazzjoni allerġika (vaskulite)
- Infjammazzjoni tat-tessut tal-ħalq (stomatite)
- Tiċrit fil-muskoli u ħsara fil-muskoli (rabdomijolosi)
- Ħmura u nefħa fil-ġogi (artrite)

- Uġiġħ, inkluż uġiġħ fid-dahar, sider u estremitajiet
- L-attakki ta' porfirija f'persuni li diġà għandhom porfirija (marda metabolika rari ħafna)
- Uġiġħ ta' ras persistent flimkien jew mingħajr vista m'cajpra (ipertensjoni intrakranjali beninn)

Jekk ikollok xi effett sekondarju, kellem lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek. Dan jinkludi xi effett sekondarju li mhux elenkat f'dan il-fuljett.

## **5. Kif taħżen il-pilloli Tavanic**

Żomm din il-mediċina fejn ma tidhirx u ma tintlaħaqx mit-tfal.

Din il-mediċina m'għandhiex bżonn ta' kondizzjonijiet speċjali ta' ħażna iżda l-aħjar li ż-żomm il-pilloli Tavanic fl-istruzzjoni u l-kaxxa oriġinali u f'post xott.

Tużax din il-mediċina wara d-data ta' meta tiskadi li tidher fuq il-kartuna u l-fojl wara JIS. Id-data ta' meta tiskadi tirreferi għall-aħħar ġurnata ta' dak ix-xahar.

Tarmix mediċini mal-ilma tad-dranaġġ jew mal-iskart domestiku. Staqsi lill-ispiżjar tiegħek dwar kif għandek tarmi mediċini li m'għadexx tuża. Dawn il-miżuri jgħinu għall-protezzjoni tal-ambjent.

## **6. Kontenut tal-pakkett u informazzjoni oħra**

### **X'fihom il-pilloli Tavanic**

Is-sustanza attiva hija levofloxacin. Kull pillola ta' 250 mg fiha 250 mg ta' levofloxacin u kull pillola ta' Tavanic 500 mg fiha 500 mg ta' levofloxacin

L-ingredjenti l-oħra huma:

- Fil-qalba tal-pillola: crospovidone, hypromellose, microcrystalline cellulose u sodium stearyl fumarate
- Għall-kisi tal-pillola: hypromellose, titanium dioxide (E 171), talc, macrogol, ferric oxide isfar (E 172) u ferric oxide aħmar (E 172)

### **Kif jidhru l-pilloli Tavanic u l-kontenut tal-pakkett**

Il-pilloli Tavanic huma pilloli miksijin b'rita għall-użu orali. Il-pilloli huma oblungi, b'qasma fin-nofs u ta' kulur abjad fl-isfar ċar għal abjad ħamrani.

Għal Tavanic 250 mg, il-pilloli jiġu f'daksijiet ta' pakketti ta' : 1, 3, 5, 7, 10, 50 u 200 pillola.

Għal Tavanic 500 mg, il-pilloli jiġu f'daksijiet ta' pakketti ta' : 1, 5, 7, 10, 50, 200 u 500 pillola.

Jista' jkun li mhux il-pakketti tad-daqsijiet kollha jkunu għall-skop kummerċjali.

### **Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq u l-Manifattur**

#### **Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq**

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

#### **Manifattur**

[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]

Din il-mediċina hija awtorizzata fl-iStati Membri tal-EEA b'dawn l-ismijiet:  
Tavanic

Dan il-fuljett ma fihx l-informazzjoni kollha dwar il-mediċina tiegħek. Jekk għandek xi mistoqsijiet jew m'intix ċert dwar xi ħaġa, staqsi lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

**Dan il-fuljett kien approvat l-aħħar f' {XX/SSSS}**  
[Biex timtela mill-pajjiż partikolari]